# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tmintax (18) taʼ Gunju 2018**

**Rikors Numru 54/14 FDP**

**Tonio Fenech**
**(ID 200699M)**

**vs**

**Onorevoli Ministru ghall-Energija u l-Konservazzjoni tal-Ilma**
**Dr Konrad Mizzi**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 17 ta' Frar 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti:

> *(1) Prevja li din il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li d-diskors maghmul mill-Onorevoli Ministru ghall-Energija u l-Konservazzjoni tal-Ilma Dr. Konrad Mizzi, nhar is-Sibt filghodu, 15 ta' Frar 2014, fuq l-istazzjon tar-Radju 'One Radio' matul il- programm Sibt il-Punt, kien jikkontjeni allegazzjonijiet u nsinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l- fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u/jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, senjatament fejn gie allegat li r-rikorrent, fiż-żmien li huwa kien il-ministru responsabbli ghall-energija, kien konoxxenti tal-fatt li kien qieghed isir tbaghbis fil-meters tad-dawl u minkejja dan, ma ha l-ebda azzjoni.*
>
> *(2) Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti, liema somma ma teccedix l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646.00) bhala danni b'applikazzjoni tal-Att dwar I-iStampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-eccezzjonjiet imressqa mill-intimat fil-25 ta' Frar 2014 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal is-segwenti

> *"Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-diskors tal-esponenti huwa biss value judgment u l-esponenti hemm ta' l-fatti kif irrizultawlu lilu u ghamel kummenti li jitqiesu bhala fair comment, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huwa accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"*

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Tonio Fenech** ippresentat fid-9 ta' Mejju 2014 flimkien ma' zewgt dokumenti ohra, ossija traskrizjoni tal-programm '***Sibt il-Punt***" imxandar fil-15 ta' Frar 2014 (fol 19) u Rapport tal-Awditur Generali datat Awissu 2012 intitolat '*Follow-up to the 2011 Auditor General Report 'ARMS Ltd – Setting Up and Operations' and ancillary topics*'. (fol 23)

Semghet ix-xhieda in ezami tal-**Ingineer Carmel Scerri**, ingineer tal-Enemalta Corporation inkarigat mill-installar ta' Smart meters, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-30 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro-ezami, ta' **Karl Camilleri**, gia Chief Executive Officer tal-Enemalta bejn Novembru 2008 u Novembru 2011, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-30 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Peter Grima**, gia Chief Tecnical Officer tal-Enemalta sa Gunju 2012 u sussegwentement Head of Generation tal-Enemalta sa Gunju 2014, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl-14 ta' Lulju 2014.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Ingineer Alan Micallef**, gia Chief Commercial Officer tal-Emenalta sa Gubju 2012 u sussegwentement Executive Head Distribution tal-Enemalta, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl-14 ta' Lulju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Wilfred Borg**, gia Chief Executive Officer tal-ARMS Limited mill-14 ta' Ottubru 2010 sal-14 ta' April 2013, meta gie sospiz, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-6 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Louis Giordmaina**, gia Executive Chairman tal-Enemalta bejn Novembru 2011 u April 2013 u sussegwentement Chief Executive Officer tal-istess Enemalta sa Dicembru 2013, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-6 ta' Novembru 2014.

Rat illi fis 27 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda tal-**Ministru Konrad Mizzi**, moghtija fl-14 ta' Dicembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ingineer Frederick Azzopardi**, Chief Executive Officer tal-Enemalta minn Jannar 2014 u sussegwentement Chairman tal-istess Enemalta, prodott mill-intimat u moghtija fl-14 ta' Dicembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit-18 ta' Frar 2016 l-intimat ddikjara illi ma kellux aktar provi w ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghall-kontro ezamijiet.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami moghtija mill-Ministru Konrad Mizzi fit 28 tsa' April 2016.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami moghtija minn l-Ingineer Frederick Azzopardi moghtija fit 13 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokument, ossija rapport intern intitolat '***Cyber Assessment Security – Final Report***' dwar it-tbaghbis ta' Smart Meters, liema rapport il-Qorti ordnat illi ma jkun accessibbli lill hadd salv il-partijiet minhabba fin-natura tar-rapport u l-informazzjoni illi tinsab fiha.

Semghet ix-xhieda in ri-ezami ta' Karl Camilleri, prodott mir-rikorrent, u moghtija fit-22 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda in ri-ezami ta' Louis Giordmaina, prodott mir-rikorrent, u moghtija fl-4 ta' Dicembru 2017.

Rat illi fit-12 ta' April 2018 il-partijiet gharrfu lill-Qorti illi ma kienx hemm aktar kontro ezamijiet x'jsiru u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Semghet it-trattazzjoni finali ta'l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-3 ta' Mejju 2018, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti kien il-Ministru reponsabbli ghall-Korporazzjoni Enemalta bejn Frar 2010 u Marzu 2013.

Jirrizulta illi l-intimat kien il-Ministru responsabbli ghall-Korporazzjoni Enemalta minn Marzu 2013 'l quddiem u, fid-data tal-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna, ossija il-15 ta' Frar 2014, huwa kellu tali kariga.

Jirrizulta illi, waqt programm imtella fuq l-istazzjon tar-radju tal-Partit Laburista, One Radio, bl-isem ta' '**Sibt il-Punt**' li xxandar fil-15 ta' Frar 2014, l-intimat, bhala Ministru responsabbli ghall-Enemalta, gie intervistat dwar x'sab fl-Enemalta u x'ghamel minn meta ha r-responsabbilta' ta' tali Korporazzjoni.

Jirrizulta illi waqt tali programm, fuq domandi tal-presentatur, l-intimat qal is-segwenti:

> ***Ministru Mizzi:*** *Ha naghti ftit daqsxejn kuntest fuq dan kollu. L-Enemalta Corporation bhala Korporazzjoni, sibniha fi stat dizastruż, sibna dejn esagerat, kwazi biliun ewro, tmien mija u erbghin miljun ewro dejn, figura fenomenali, sibna nuqqas ta' investiment qawwi fid-distribuzzjoni, nuqqas ta' investiment fil-generazzjoni tal-elettriku, power station li tuża fuel mahmug, u sibna ukoll sistema ta' meters u billing li ma kienetx qeda tahdem kif suppost. Li kellha problemi kbar. L-aktar haga li lili dejqitni, ilna nafu, il-Gvern precedenti kien ilu jaf li l-meters jistghu jitbaghbsu ghal numru ta' snin. FI-2012 hareg fil-media numru ta' rapporti li kien hemm min sab metodu biex dawn l-iSmart Meters ibaghbashom minn gewwa u jirnexxielu jnaqqsilhom il-konsum li jigi registrat, igifieri jekk inti per eżempju l-meter suppost jirregistra 100 unit, tnaqqsu b'tali mod li jirregistralek biss 20 unit, u dak ikun qed jiehu ma jkunx ged ihallas ghal 80 unit.*
>
> *Din kienet irrapportata fl-2012, dak iz-zmien il-Gvern Nazzjonalista cahad, ma ghamlu xejn dwarha. Ahna dak iż-żmien dhalna fil-Gvern, rajna x'inhi s-sitwazzjoni tal-Enemalta Corporation, rajna x'kienu I-figuri tas-serq, u rajna li fl-2011 u l-2012 serq sploda u lahhaq mal-10%. Ghaxra fil-mija taf xi tfisser Manuel, li ghal kull percentage wiehed ghandek 3 miljuni, jigifieri ghandek 30 miljun ewro serq... u dan kollu qed inhallsuh ahna bhala cittadini, qed inhallsuh ahna ghax ilkoll qed niffinanzjaw lil Korporazzjoni Enemalta ghax ilkoll qedin inhallsu l-kontijiet kif suppost. Hawn hafna familji Maltin, il-maggoranza assoluta, li huma onesti, il-maggoranza tan-negozjanti Maltin huma onesti, u haga bhal din tirrabjhom hafna. allura ahna xtaqna nittekiljaw din mal-ewwel.*

***Preżentatur:*** *Igifieri dan qed tghid li meta kien hemm il-Ministru Tonio Fenech responsabbli mil-Enemalta, l-affarijiet kienu jafu bihom xi hadd, gibed l-attenzjoni kien jigifieri?*

***Ministru Mizzi:*** *U żgur, Manuel, titkellem ma' min titkellem, kien hemm suspetti kbar, il-figuri kienu juru li kien hemm serq kbir, allura ma taghmel xejn dwaru dan kollu? ... ghax jien tajjeb li nitkellmu, u ser ikolli nitkellem fuq il-każ specifiku tajjeb li l-konsumaturi li hadu l-elettriku, ihallsu dak li hu due, tajjeb li min organizza dan I-iskam ihallas ta' li ghamel, u kien hemm min digà tressaq il-Qorti, u kien hemm min digà gie kkundanat, u l-Qorti baghtitu il-habs. Importanti ghax dak li titlob socjetà gusta,* ***imma tajjeb ukoll li jkollok Ministru responsabbli fi zmien n-Nazzionalisti li huwa Tonio Fenech li jerfa' daqxein, jerfa' r-responsabilità politika, ghax dan kien jaf b'dan l-iskandlu, kien jaf li kien hemm serq kbir fenomenali, u ma refax sebgha wiehed biex jindirizzaha*** (sottolinjar tar-rikorrent)

*Sibna, igifieri, nuqgas ta' organizzazzjoni f'dak li ghandu x'jaqsam ma' metering sibna nuqqas ta' project management, sibna nuqgas ta' interess li jittekilja din l-issue.* ***U hawnhekk jiena, naghfas u npoggi u nippunta subghaija dritt lein Tonio Fenech, Tonio Fenech kien responsabbli mill-Enemalta Corporation, kien jaf fl-2012 li dawn il-meters setghu jitbghabsu b'dan il-mod ghaliex kien irappurtat hekk, emminx dawk ir-rapporti ma nafx, pero' li naf żgur huwa li ma hax azzjoni konkreta, u ma gabx riżultati konkreti biex jindirizza din l-issue,*** (sottolinjar u enfazi tar-rikorrent) *u ahna f'temp qasir mal-ewwel ittekiljajniha u b'rieda tajba u organizzazzjoni tajba u min hawn insellem lin-nies li ghandna, il-haddiema tal-Enemalta gewwa t-Test Control Unit li ghamlu x-xoghol tajjeb hafna f'dan il-każ, u provdew l-informazzjoni kollha lil Pulizija biex ikunu jistghu jahdmu fuq dan il-każ irnexxielna nsolvu parti minn din il problema, skam organizzat, Manuel, igifieri. Ma nafx nahseb ghandna nispijegaw ukoll daqxejn, x'kien qed jigri hawnhekk ukoll ....*

***Preżentatur:*** *Jien fil-fatt kont ser nghidlek hekk ukoll, ghax naf li int imbaghad kellek taghmel xi libell ... imma kemm hi kumplessa din, allura ahjar wiehed jispjega din, ghax jien dak li nhobb naghmel lis-semmiegha taghna biex naghtuhom l-informazzjoni kemm jista' jkun detaljata, halli jkunu konxji u aktar aware ta' x'inhi s-sitwazzjoni.*

***Ministru Mizzi:*** *Is-sitwazzjoni kienet hekk, meta tlajna fil-Gvern, f'Marzu poggejna bilqieghda mal-Management tal-Korporazzjoni Enemalta, u bdejna naraw dipartment, dipartment fejn kienu il-problemi. L-ewwel xahar kull ma rajna problemi biss, ovjament ahna bdejna nahsbu fuq is-soluzzjonijiet.*

*Wahda min dawn il-problemi kienet li l-Enemalta tiggenera hafna units tal-elettriku pero' hafna minnhom ma kienux johorgu kontijiet ghalihom ghaliex kienu qed jinsterqu, u ghedna din mhux gusta, irridu nassiguraw gustizzja sočjali, irridu inrahhsu il-kontijiet ghall-pubbliku, ghall-Maltin u l-Ghawdxin kollha, biex ikun hawn gustizzja socjali, u hekk ser jigri minn Marzu li gej, pero ridna nassiguraw li kulhadd ihallas sehmu. Hemm, u bdejna mal-ewwel b'inizjattiva. Tlabt rapport jiena, analizi tas-serq u l-percentaggi, u kif rajthom kont ixxokkjat, niftakar urejthom lil Prim Ministru, kien ixxokjat, u ghedna isma, irridu nindirizzaw din l-issue mal-ewwel. Tkellimna mal-Prim Ministru u ghedna li ser norganizzaw gewwa I-Enemalta, struttura apposta, it-Theft Control Unit, biex jiehu hsieb din il-problema u jindirizzaha.*

*Ghaqqadna team żghir, zghir hafha ta nies, gewwa l-Enemalta li ffoka billi jhares kif jista' jinsteraq id-dawl. Dan it-Team identifika numru ta' metodi li kienu prevalenti, hafna minnhom issemmew fuq il-media, ma ridx nogghod insemmihom halli ma ninkoraggixix dak li jkun biex jisraq, pjuttost, il-kontra anzi. U identifikaw numru ta metodi. <u>Wahda mil-metodi li l-Enemalta kienet dejjem tghidilna li hi impossibli kien li I-meter jitbaghbas minn gewwa, igifieri galulna tista' taghmel xi haga minn barra, tista' taqbżu l-meter, tista' taghmel hafna affariiet pero' qalulna li mhux possibbli li l-meter ikun imbaghbas. Meta tkellimna mat-Taliani, mal-ENEL qalulna isma', dan il-meter huwa b'sahhtu u mhux ser jinbaghbas. Fil-fatt tant hu hekk li meta l-inginiera tal-Enemalta riedu jifthu dan il-meter kellhom ikissruh ma kienux kapaci jifthuh, u ghaldaqstant ghedna isma hemm suspetti cari li jeżistu dan it-tip ta' meters u bdejna naraw fejn stajna insibu dawn il-meters li kienu imbaghbsin u mexxielna nitreisiaw numru zghir taghhom fil-bidu, gbarnihom dawn il-meters u t-team tat-Theft Control Unit ezaminhom, tefaghhom, wahallhom go l-ufficiu, ghamilhom fuq dak li jghidulu test bench, igifieri pratikament bench fein tista tittestiah, qabdu wire tal-elettriku mieghu, u raw kemm beda diehel elettriku u raw kemm qed jirrekordja, kien car li il-meter ma kienx qed jirrekordia kif suppost, fil-fatt kien qed jirrekordia percentagg zghir hafna min dak li konna qed nitfghu gewwa. Ghall-ewwel ma setghux isibu tarfhom, u ahna ghednilhom "ejia nibaghtuhom l-ENEL halli janalizzawh".</u>*(sottolinjar tar-rikorrent)

*<u>X'hin ircivewhom it-Taliani qalulna li dawn il-meter huma tajbin, mhux imbaghbsin, imbghad ghamlu l-istess exercie li ghamilna ahna, poggewhom fuq test bench u raw li dawn il-meters ma kienux qed jirrekkordjaw kif suppost. Fethuhom u sabu, l-ENEL, li dawn il-meters kien imbaghbsin b'tali mod, igifieri minn gewwa l-hardware taghom, kien imbaghbas b'tali mod li l-elettriku li jkun diehel ma jigix rekordjat kollu, tigi rekordjata parti zghira biss, u kien professional job hafna ghax irnexxielhom jifthuh u jaghlquh b'tali mod li ma tindunax. La darba li sibna li dak kien il-każ u ahna konna konvinti minhabba kif sploda is-serq fl-2011 u 1-2012, li kienu sabu metodu kif dan isir, mhux biss ghat 3 phase imma anke ghas single phase, ghidna ejja nsibu min hu responsabbli ta' dan l-iskam, ghax dan ma jistax ikun jaghmilha kulhadd dan kien team specjalizzat, dan kien team iffukat hafna.</u>*(sottolinjar tar-rikorrent)

*U bdejna nahdmu fuq dawn in-numru ta' premessi, I-ewwel haga li ghamilna dorna l-meters kollha u ghedna mill-meters li ghandna abbazi tal-behaviour tal-imgieba li beda jahdem dan il-meter, liema meters huma possibbli li kienu imbaghbsin bl-istess mod tieghu, u hrigna lista twila u min din il-lista kien hemm pressappoko 1,000 meter li kien jidher car li kellhom I-istess imgieba ta' dak l-istess meter li baghtna l-Italja. Mela ghandna issa I-pass li jmiss huwa li ninvestigaw, u nibaghtu inspection. Issa Manuel, l-Enemalta normali taghmel inspections, imma normali meta taghmel inspection gieli taghmel 20 inspection u taqbad forsi wiehed, jew taghmel 40 u taqbad wiehed, f'dan il-każ meta ghamilna l-analizi u hrigna bl-lista ffokati, meta baghtna kwazi kollha, 95%, jekk konna qed nibaghtu 10 inspections konna qed insibu 9, u hawnhekk ghandna issue. Ovvjament beda l-investigazzjoni, bdejna nitkellmu mal klijenti ikkoncernati, ghaddejna kollox lil pulizija u haga bdiet taghti, tispjega ruhha ghall-ohra.*

*L-indikazzjonijiet kien li kien hemm ex-haddiema tal-Enemalta u potenzjalment haddiema tal-Enemalta, u qed nogghod attent ghax hemm proceduri kriminali ghadejjin u involuti, hadna azzjoni mal-ewwel kif qalulna il-Pulizija, u ssospendejniehm mill-ewwel, fil-fatt issa ghadna pressappoko 8 min-nies mill Enemalta li huma suspozi, mhux qed neskludi li jkun hemm aktar azzjonijiet kif l-affarijiet ghaddejjin. Il-vantagg li qed jigri huwa li issa aktar nies qed jigu 'il quddiem, jitkellmu li hija xi haga tajba hafna, aktar nies qed icemplulna, jaghtuna aktar informazzjoni,*

*ahna nghadduha lil pulizija .... u min hawn hekk irid naghmel appell jien, jien qed naghmel appell lill-konsumaturi li forsi kienu qed ibaghbsu biex jigu 'l quddiem u jirregolarizzaw ruhhom, qed naghmel appell ukoll lil kull min jaf li kien hemm nies involuti jinformana; ahna l-intenzjoni taghna hi that we turn Enemalta into a clean organisation, dan hu l-ewwel punt, urejna li ahna we mean business, u mhux ser noqghodu niddejqu minn hadd, igifieri hu min hu ser jigi sospiż, mhux ser naccettaw serq, mhux naccettaw disloyalty lejn il-kumpanija, mhux ser naccettaw abbuż sfaccat lejn il-familji Maltin u Ghawdxin ...*

***Prezentatur:*** *wara kollox il-familji qed ibatu.*

***Ministru Mizzi:* *Imma jien l-aktar haga li ddejjaqni hawnhekk huwa li I-Ministru Tonio Fenech, kienu fethulu ghaineih dwar dan, kien hemm rapporti fil-gazzetti u ma gabu l-ebda riżultati, ma ghamlu xein, u hawnhekk, ehe, qed nghid, iva bl-aktar mod hemm responsabbli, min seraq irid ihallas ta' ghemilu, min organizza dan I-iskem tiela' I-Qorti, gew sospizi, hemm min wehel il-habs, hemm min potenziamement ser jehel il-habs ukoll, ser ipattu ta' ghemilhom, imma ir-responsabilità politika min ser igorra? Tonio Fenech bhala Ministru tal-Finanzi u Ministru responsabbli ta' l-Enemalta. x'ghamel, x'wiegeb ghax dan qed jahrabha d-diskussioni u Simon Bussuttil bhala Deputy Mexxej tal-Partit Nazzionalista qabel I-Elezzioni, bhala persuna li fassal il-manifest eletorali, qabel l-elezzioni x'responsabilità politika ser jerfa' fuq dan kollu.*** (sottolinjar u enfazi tar-rikorrent)

*Hu hawnhekk ahna b'wiccna minn quddiem qed nghidu, qed nuru biex nghid hekk id - differenza bejn Gvern Gdid, u Gvern Nazzjonalista, il-Gvern Nazzjonalista ma kienx lest jittekilja bl-aktar mod car u konvincenti fejn kellek dan I-abbuż ta' korruzzjoni, dan l-ghanqbut ta' kriminalità, avolja kienu qed ibatu I-Maltin u I-Ghawdxin, avolja li kellna Manuel l-ghola tariffi fl-Ewropa, u l-famiiji kienu ibatu, ma kellu l-ebda problema jaghlqu ghajnejhom ghalihom. Ahna li mal-ewwel il-Prim Ministru kif tajtu I-istatistika ixxokkja ruhu u tana instruction biex nindirizzaw din, ghamilna strategija biex nindirizzawha, f'Mejju, ftit gimghat wara l-elezzioni, f'Meiju waqqafna dan it-Theft Control Unit, tajnieh objectives cari.*

***Prezentatur:*** *Igifieri dan ma kienx jeżisti dan it-Test Control Unit?*

***Ministru Mizzi:*** *Le, le dak kien ahna, ikkrejąjna struttura apposta with a control room, a dedicated control room, biex nghid hekk, iffokata fuq dan it-tip ta' serq*

Jirrizulta illi r-rikorrent, bhala l-Ministru responsabbli ghall-Enemalta qabel l-intimat, hassu ruhu malafamat b'xi kliem u allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tieghu, kif sottolinjat aktar 'l fuq, u ghalhekk nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet ilha, ghal hafna snin, tabghti minn telf ta' hlas ta' kull ma tiggenera bhala energija, maghrufa ukoll bhala '*revenue leackages*', liema telf kien jikkonsisti f'zewgt tipi ta' telf, l-hekk insejjha '*technical losses*' u '*non technical losses*'.

Jirrizulta illi filwaqt li t-'*Technical losses*' huma dawk attribwiti ghall problemi fis-sistema ta' distribuzzjoni u generazzjoni tal-elettriku, in-'*Non Technical losses*' huma dawk attribwiti ghal rappurtagg hazin minn meters, kontijiet zbaljati jew serq.

Jirrizulta illi parti konsiderevoli mit-telf tal-Enemalta kienet fl-hekk imsejjah '*Non technical losses*', u partikolarment fil-qasam tas-serq, fejn is-serq tad-dawl kien qed iwassal ghal telf ta' qliegh konsiderevoli.

Jirrizulta illi fis-sena 2008, ossija qabel mar-rikorrent sar Ministru responsabbli mill-Enemalta, il-Korporazzjoni dahhlet fi ftehim ma' terzi sabiex tinstalla ma' Malta u Ghawdex kollu sistema ta' Smart meters abbinata ma' programm komputerizzat ta' analitika, liema sistema kellha tassikura eventwalment illi titnaqqas sostanzjalment is-serq tad-dawl.

Jirrizulta illi l-implimentar ta' smart meters beda fis-sena 2009 u bdew jigu installati gradwalment ma' Malta u Ghawdex.

Jirrizulta illi inizzjalment, mal-installazzjoni ta' l-ismart meters, is-serq tad-dawl beda jonqos izda, fis-sena 2011, is-serq reggha beda jizdied u, abbazi ta' allegazzjonjiet illi kienu dahhlu lic-Chief Executive Officer ta' dak iz-zmien, Karl Camilleri, bejn nofs tas-sena 2010 u l-bidu tas-sena 2011 (fol 56G), il-Korporazzjoni skopriet illi l-Ismart meters illi kienu qed jintuzaw ghas-sistemi 'Three phase' kienu suxxettibbli ghat-tbaghbis permezz ta' kalamita appozita.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, fuq il-media kienet harget xnieha ukoll illi l-Ismart meters kienu qed jitbghabsu minn gewwa ukoll.

Jirrizulta, di fatti, illi l-Korporazzjoni Enemalta, meta rat hekk, ikkummissjonat rapport tekniku dwar l-possibilta' ta' indhil b'mod elettroniku fl-Ismart meters, liema rapport dettaljat eventwalment indika illi, filwaqt li l-meters ma setghux jigu attakkati b'mod cibernetiku, l-apparat madanakollu kellu xi difetti illi setghu jippermettu lill esperti jbaghbsu fil-meter minghajr ma jiskatta l-alarm intern.

Jirrizulta illi, skond Karl Camilleri, Chief Executive Office ta' dak iz-zmien, filwaqt illi ma jiftakarx jekk tali konkluzjonijet gew diskussi direttament ma' l-intimat, bhala Ministru, ma eskludiex illi seta ta' indikazzjoni li kiem hemm rapport li l-Ismart Meters ma setghux jigu attakati cibernetikament.

Jirrizulta, madankollu, illi ghalkemm kien hemm tali indikazzjoni da' parte tal-esperti, l-Enemalta baqghet ma ghamlet xejn dwar il-konkluzjonijet tal-esperti fuq tbaghbis intern tal-meters.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, minn informazzjoni ppresentata quddiem il-Qorti, illi l-Korporazzjoni Enemalta, fuq periodu ta' sitt snin bejn is-sena 2010 u is-sena 2015, mexxiet fuq is-segwenti numru ta' kazijiet ta' serq: (fol 100)

| | | |
|---|---|---|
| 2010 | - | 143 kaz |
| 2011 | - | 172 kaz |
| 2012 | - | 126 kaz |
| 2013 | - | 162 kaz |
| 2014 | - | 478 kaz |
| 2015 | - | 265 kaz (sa 31-10-15) |

Jirrizulta ukoll, minn informazzjoni ppresentata quddiem il-Qorti, illi l-Korporazzjoni Enemalta, fuq periodu ta' hames snin, wasslet fi ftehim ma' konsumaturi li nqabdu jsirqu d-dawl mas-segwenti numru ta' konsumaturi:

| | | |
|---|---|---|
| 2011 | - | 62 kaz |
| 2012 | - | 51 kaz |
| 2013 | - | 121 kaz |
| 2014 | - | 619 kaz |
| 2015 | - | 599 kaz (sa 31-10-15) |

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda ta' l-intimat u ta' Frederick Azzopardi, li sa meta hadu r-responsabbilta' tal-Korporazzjoni Enemalta huma, ma kienx hemm '*Theft Control Unit*' fi hdan il-Korporazzjoni, u ghalhekk il-kazijiet ta' serq fi hdan il-Korporazzjoni ma kienux qed jinghataw priorita'.

Jirrizulta wkoll skond ix-xhieda prodotta, partikolarment dawk tal-Enemalta, illi sakemm ha r-responsabbilta' tal-Korporazzjoni l-intimat, ghalkemm mis-sena 2009 kienu bdew jigu installati Smart meters gewwa d-djar u postijiet kummercjali, l-beneficcju principali ta' Smart meters, ossija illi tkun tista ssir analazi dettaljata tal-konsum ta' kull dar f'temp qasir, ma kienx qed jintuza peress illi, sa Jannar 2014, is-sistema komputerizzata illi kellha tigi installata bhala sistema ta' '*Analytics*' biex tevalwa u tiskopri anomaliji fil-konsum, liema anomaliji setghu ikunu rizultat ta' serq, kienet ghadha lanqas biss giet installata!

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza principali ta' l-intimat ghall-proceduri odjerni kienu illi dak illi huwa kien qal kien '*fair comment*'. Ghalhekk ikun opportun illi jissemmew fil-qasir l-elementi principali kif esposti minn juristi u l-qrati nostrani u esteri.

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tosserva illi, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Dwar '*fair comment*', kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

> *The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Kif intqal ukoll f'**Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, intqal is-segwenti :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke rifless f'gurisprudenza estera u, di fatti, fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Il-Qorti thoss ukoll illi ghandha taghmel ukoll is-segwenti referenzi ukoll fejn jirrigwarda kummenti illi jsiru bejn politici fuq kwistjonijiet illi jirrigwardaw il-funzjonijiet politici taghhom. Di fatti, kif qalet dina l-Qorti fil-kawza '**Dr Lawrence Gonzi vs Josef Caruana**' deciza fit-18 ta' Jannar 2016, ghalkemm kumment:

> *..... tista b'xi mod tinstema harxa fil-konfront ta' persuna, peress illi l-fatti kif fuq esposti jirrizultaw sostanzjalment veri u, aktar u aktar, in vista tal-fatt illi r-rikorrent huwa persuna politika illi hija soggetta ghall-livell ta' kritika gholja kif ukoll anke ghal provokazzjoni u esagerazzjonijiet, tali kumment ghandu jitqies bhala wiehed accettabbli fis-socjeta demokratika Maltija u certament ma hijiex malafamanti u libelluza fil-konfront tar-rikorrenti peress illi kien kumment illi kien jirrifletti l-hsiebijiet ta' l-intimat ibbazati fuq fatti illi huwa kien ikkonstata u li dwarhom hass illi kellu jikkummenta f'dak is-sens.*

L-istess intqal minn dina l-Qorti, fil-kawza '**Jesmond Mugliette vs Alfred Sant**' deciza fl-10 ta' Marzu 2014, fejn gia kellha l-opportunita illi taghmel osservazzjonijiet simili, u intqal is-segwenti:

> *Din il-Qorti thoss illi wasal il-mument illi tali regola* (tal-livell ta' kritika) *titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.*

**Ikkunsidrat**

Dina l-Qorti qrat fid-dettall id-diskors illi r-rikorrent jilmenta minnu w il-kontenut tieghu kif ukoll ikkunsidrat ix-xhieda kollha dettljata moghtija quddiemha tul l-erbgha snin illi ilha ghaddejja l-kawza odjerna, u tosserva illi l-kummenti illi dwarhom jilmenta r-rikorrent, huma kummenti indirizzati lir-rikorrent bhala il-persuna illi kien politicament responsabbli ghat-tmexxija tal-Korporazzjoni Enemalta u kienu kummenti illi kienu sostanzjalment korretti, peress illi jirrizulta ben ippruvat illi fil-periodu meta l-Korporazzjoni Enemalta kienet taqa' taht id-dikasteru tieghu, is-serq ta' l-elettriku kien wiehed konsiderevoli u, ghalkemm kienu qed jigu introdotti ghodda biex tali serq jigi kkontrollat, tali ghodda ma kienux qed jintuzaw kif suppost kif ukoll ma kienx hemm struttura in operazzjoni biex tinvestiga fid-dettall il-kazijiet ta' allegat serq illi kien ikun hemm.

Il-Qorti tosserva illi, ghalkemm imkien ma' l-intimat allega illi r-rikorrent, b'mod personali, kien responsabbli ta' tali nuqqasijiet, huwa insista illi r-rikorrent, bhala il-Ministru li kien responsabbli ta' tali Korporazzjoni, kellu jkun politikament responsabbli tad-decizjonijiet u nuqqas ta' azzjoni mehuda mis-subalterni tieghu, ossija il-persuni minnu mqabbda sabiex imexxu l-Korporazzjoni Enemalta.

**Il-Qorti ma tista ma tosservax illi meta persuna huwa elett sabiex jirrappresenta lic-cittadin fil-parlament, huwa qieghed hemm sabiex iservi lic-cittadin fl-ahjar interess tal-pajjiz u sabiex imexxi 'l quddiem il-pajjiz biex b'hekk jibbenefikaw ic-cittadini kollha. Meta mbghad tali persuna hekk eletta tinghata responsabbilta' addizzjonali, bhalma hija dikasteru li tahtha hemm varji entitajiet ohra, bhal fil-kaz odjern, il-Korporazzjoni Enemalta, ir-responsabbilta' lejn ic-cittadin tizdied ferm aktar, peress illi mhux biss tali persuna hija issa responsabbli mit-tmexxija legislattiva tal-pajjiz, izda, aktar u aktar, hija resposabbli mac-cittadin ta' l-azzjonijiet kollha illi jaghmlu l-entitajiet illi jaqghu tahtu.**

**Dana qieghed jinghad ghax ic-cittadin ikun qed jafda f'tali persuna biex jassikura illi l-ahjar ghac-cittadin ikun qed isir. Ghalhekk, f'kaz illi ikun hemm xi nuqqas da' parte ta' xi entita', il-Ministru li tahtu taqa' tali entita ghandu jinzamm responsabbli ghal tali nuqqasijiet, peress illi huwa qieghed hemm bhala rappresentant tac-cittadini u, la darba jkun sar nuqqas fil-konfront tac-cittadin, l-Ministru kkoncernat ghandu jerfa r-responsabbilta' tieghu u mhux ifarfara fuq terzi.**

Jirrizulta car, fil-kaz odjern, illi meta l-Korporazzjoni Enemalta kienet taqa taht id-dikasteru tar-rikorrent, ghalkemm kienu qed jigu implimentati pjanijiet sabiex jitnaqqas is-serq, ma kienx qed isir bizzejjed u b'mod effettiv sabiex tali serq jigi ridott u jinqabdu min kien qed jisraq, u l-figuri prodotti waqt il-mori tal-kawza huma indikazzjoni cara ta' tali nuqqas.

Ghaldaqstant, r-rikorrent ma jistax iqis il-kliem illi saru fil-konfront tieghu mill-intimat, illi wara kollox huwa politiku bhalu wkoll, bhala libelluzi u malafamanti, peress illi kienu biss kritika ta' dak illi kien qieghed isir fil-passatt, kritika illi ghandha dejjem tigi permessa lill-politiku meta jkun qieghed jitkellem dwar azzjonijiet ta' politiku iehor, liema kritika u kumment kien ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri u ppruvati.

## Konkluzjoni

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur